MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 29/2006

***Bank of Valletta p.l.c.***

***Versus***

**Vincent u Marita miżżewġin Azzopardi**

F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas ta' tlieta u tletin elf, mitejn u tlieta u tletin lira u sittin ċenteżmu (Lm33,233.60) bilanċ ta' *loan* u *overdraft accounts*, flimkien ma' l-imgħax li kompla għadda mill-31 t'Ottubru 2005 u l-ispejjeż, fosthom dawk ta' ittra uffiċjali tal-15 t'April 2005 u ta' żewġ mandati kawtelatorji ippreżentati flimkien maċ-ċitazzjoni.

B'nota ta' l-1 ta' Marzu 2006, il-konvenuti ammettew it-talbiet magħmula fiċ-ċitazzjoni.

Il-qorti għalhekk, wara li rat in-nota ta' ammissjoni, taqta' l-kawża billi tikkundanna lill-konvenuti flimkien iħallsu lis-soċjetà attriċi tlieta u tletin elf, mitejn u tlieta u tletin lira u sittin ċenteżmu (Lm33,233.60) flimkien ma' l-imgħax u l-ispejjeż mitluba fiċ-ċitazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------